**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-5 ta Gunju 2023**

**Rikors Nru : 195/2023 JPG**
**Kawza Nru : 26**

**AB**
**U**
**CB**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt ta' tal-partijiet datat 3 ta' April 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *żżewġu skont ir-rit Kattoliku fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi ddedikata lil San Nikola ta' Bari, fit-tnejn u għoxrin ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (22.06.2008) liema żwieġ għandu numru ta' reġistrazzjoni disa mija tmienja u tletin sbarra tas-sena elfejn u tmienja (938/2008).*

2. *lli l-partijiet effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) (27.12.2021); vera kopja hawn annessa u mmarkat bħala Dok 'A'.*

3. *Illi minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġt itfal, il-minuri GB li twieled f'X u l-minuri MB li twieldet f'Y. Illi l-kura, kustodja, manteniment, u l-aċċeess huma regolati bil-kuntratt ta' separazzjoni skont il-liġi.*

4. *Illi l-partijiet ilhom ma jgħixu mhux flimkien sa mill-bidu ta' Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020).*

5. *Illi in vista tas-suespost il-partijiet jissodisfaw dak li jitlob l-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

6. *Illi ma hemm ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

7. *Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li ż-żwieġ tagħhom ċelebrat nhar it-tnejn u għoxrin ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmienja (22.06.2008) liema żwieġ għandu numru ta' reġistrazzjoni disa mija tmienja u tletin sbarra tas-sena elfejn u tmienja (938/2008), maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għal finijiet u effetti kollha tal-liġi;*

2. *Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*U dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportuni fiċ-ċirkostazni.*

*Bl-ispejjeż a karigu taż-żewġ partijiet f'sehem indaqs bejniethom.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CB xehedet** (vide affidavit fol 9) illi l-partijiet izzewgu nhar it-22 ta' Gunju 2008, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni. Sostniet illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Marco Farrugia nhar is-27 ta' Dicembru 2021. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**AB xehed** (vide affidavit fol 8) u kkonferma u kkorrabora ix-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur***

***mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Gunju 2008, liema zwieg jgib certifikat numru 938/2008 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Marco Farrugia nhar is- 27 ta' Dicembru 2021 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 938/2008 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**